**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 440/22 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 23/2006)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ numru tlieta u għoxrin tas-sena elfejn u sitta (23/2006) (Dok 'GL1').

2. Illi miż-żwieġ tagħhom ma twieldux tfal.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment skont kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Mercieca datat tnejn u għoxrin ta' April tas-

sena elfejn u erbatax (22.04.2014) (Dok 'GL2') u dan wara li ġew awtorizzati permezz ta' digriet Numru 48/2014 (Dok 'GL3') datat tnejn ta' April tas-sena elfejn u erbatax (02.04.2014).

4. Illi ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet illum.

5. Illi l-partijiet reċiprokament irrinunzjaw li jirċievu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha imposti mil-Liġi għall-otteniment ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet minnhom ikkuntrattat fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006);

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata mil-lum nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' April 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.